**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2017**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 572/2010**

**Michael Debono**

**vs**

**Simon Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-4 ta' Gunju, 2010 li jghid hekk:

Illi r-rikorrent huwa direttur tas-socjeta M.A. Supermarkets Limited, bin-numru ta' registrazzjoni C-20973, liema socjeta giet inkorporata fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf disgha mija u sebgha u disghin (1997), bl-indirizz Price Point Supermarket, Triq il-Pitkali, Marsa. Din il-kumpanija kienet topera diversi 'Supermarkets' madwar Malta;

Illi fis-sena elfejn (2000) din is-socjeta giet rinfaccata minn diversi problemi finanzjarji fosthom problemi li kellhom x'jaqsmu ma kumpanniji li kienu jissuplixxu l-prodottijil 'Supermarkets' li kienet tiggestixxi M.A. Supermarkets Limited. Hafna minn dawn il-kumpanniji bdew jafsu lis-socjeta M.A. Supermarkets Limited sabiex isiru diversi pagamenti ta' arretrati ta' kontijiet. Illi ghalkemm is-socjeta MA Supermarkets Limited isselfet flus minn Carmelo Pace, li jigi missier il-mara tar-rikorrenti, sabiex il-kumpannija tkun tista thallas dawn l-arretrati, ii-problema ta' 'cashflow' ippersistiet u iktar ma beda jghaddi iz-zmien il-problemi finanzjarji kbiru peress li l-kumpanniji li kienu jissuplixxuha bi prodotti waqfu milli jfornuha u ghalhekk il-Kumpannija ma setghatx tirkupra mis-sitwazzjoni li kienet fiha;

Illi fl-24 ta' Mejju 2001, is-socjeta M.A. Supermarkets Limited, bdiet ii-process ta' stralc permezz ta' risoluzzjoni straordinarja,fejn l-istess socjeta rizolviet li xxolji u

konsegwentatment tigi stralcjata volontarjament ai termini tal-Artikolu 214(1)(b} tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan l-istadju gew appuntati s-Sur Kevin Mifsud u Ian Schembri ta' Mifsud Schembri & Co. bhala stralcjarji tal-Kumpannija;

Illi peress il-kumpanija ma kienitx solventi u dan minhabba jammontaw ghal eluf kbar ta' liri l-process ta' likwidazzjoni voluntary winding up'. In vista ta' dan fis-seba (7) ta' Gunju appuntat l-intimat Simon Vella bhala stralcjarju ta' Kumpannija;

l-fatt li kumpannija kellha djun li nbidlet ghal wahda ta' 'creditors' voluntary winding up’. In vista ta’ dan fis-seba (7) ta’ Gunju 2001 waqt laqgha tal-kredituri gie appuntat l-intimat Simon Vella bhala stralcjarju ta’ kumpannija;

IIli meta gie appuntat l-intimat bhala stralcjarju, l-assi principali li setgha jillikwida a favur tal-·kredituri kien l-istock tal-kumpannija liema stock peress kien jikkonsisti fl-ikel kellu hajja kummercjali qasira hafna u ghalhekk kellu jinbieghu kemm jista jkun maljar sabiex jissalvagwardja l-valur tieghu a favur tal-kredituri. Konsapevoli ta' din is-sitwazzjoni, ir-rikorrenti u t-tfal tieghu, Mark u Alex Debono, fil-kapacita personali taghhom offrew li jixtru l-istock kollu ghal prezz ta' mitt elf lira Maltin (Lm100,000) ekwilvalenti ghal mitejn tlieta u tletin elf euro (€233,000). Huma offrew li jaghmlu dan il-hlas fiz-zmien ghaxar xhur permezz ta' rati mensili ta' ghaxart elef liri Maltin (Lm10,000) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt euro (€23,300) fix-xahar. Ir-rikorrent u t-tfal tieghu offrew li l-pagamenti isiru b'cekkijiet ta' Carmelo Pace, li jigi missier il-mara tar-rikorrenti, persuna li dak iz-zmien kienet maghrufa ghall-istabbilita finanzjarja taghha;

llli s-Sur Simon Vella, immedjatament minghajr ma kkonsulta mal-kumitat ta' kredituri informa lir-rikorrent li rn'huwiex lest jaccetta din l-offerta billi dan l-ammont ta' flus li ser jigi generat mill-bejgh tal-'stock' kien ser ikun baxx wisq meta komparat mad-djun tal-kumpanija;

Ftit zmien wara Carmelo Pace ghamel offerta ta' mitejn u erbghin elf liri Maltin (Lm240,000) ekwivalenti ghal hames mija u disgha u hamsin elf u mitejn euro (€559,200). B'hekk l-intimat kellhu offerta li tlahhaq ma tlett mija u erbghin elf liri Maltin (Lm340,000) ekwivalenti ghal seba mija u tnejn u disghin elf u mitejn euro (€792,200). L-intimat mall-ewwel ma accettax din l-offerta minghajr ma kkonsulta mall-kumitat ta' kredituri;

IIli minflok ma komplew it-trattativi sabiex b'xi mod jithallsu l-kredituri l-intimat fuq struzzjonijiet tal-kumitat ta' kredituri, li ma kienux konsapevoli ta' l-offerta ta mitejn u erbghin elf liri Maltin (Lm240,000) ekwivalenti ghal hames mija u disgha u hamsin elf u mitejn euro (€559,200) ipproceda billi fetah sensiela ta' kawzi l-Qorti, kif elenkati hawn taht:
1. Simon Vella noe vs Michael u Jane Debono u JM Debono (Citaz. Numru 1836/01TM) talli allegatament s-socjeta JM Debono ttrasferixxiet l-oqsma tagha lii Michael u Jane Debono bi prezz baxx;
2. Simon Vella vs X (Citaz. Numru 1835/01JRM) a bazi ta' kummerc bi frodi allegatament kommess minn Michael Debono kif ukoll Jane Debono, meqjusa minn Simon Vella bhala Shadow director;
3. Simon Vella vs Carmelo u Mary Pace (Citaz. Numru 1891/01JRM) a bazi tal-allegazzjoni illi dawn kienu shadow directors fil-kumpannija M.A. Supermarkets;

4. Simon Vella v. Carmelo Debattista et. (Citaz. Numru 1838/01 JRM) in rigward kirja tal-kumpannija M.A. Supermarkets Limited Ii giet trasferita lis-socjeta Merry Saver Limited;

IIIi apparti I-kawzi hawn fuq imsemmija kien hemm ukoll mandat ta' inibizzjoni mahrug kontra Michael Debono u Carmelo Pace bil-konsegwenza Ii ma setghux jiddisponu mill-propjeta mmobbli taghhom;

Illi I-intimat rrezenja mill-kariga tieghu bhala stralcjarju tas-socjeta M.A. Supermarkets Limited fil-hamsa (5) ta' Frar 2007. Matul il-perjodu ta' kwazi sitt snin fil-kariga tieghu amministra I-istralc ta' din il-kumpannija b'rnod negligenti u ma harisx lejn I-interessi tal-kredituri billi ma zammhomx informati bl-izvillupi Ii kienu qedghin issehhu. Apparti minn hekk ikkawza danni rreparabbli lir-rikorrent Ii gie nvolut u mdahhal bla bzonn fil-kawzi hawn fuq imsemmija u gie espost ghal responsibilita finanzjarja li setghat giet evitata kieku I-intimat fil-kapacita tieghu bhala stralcjarju amministra I-offerti Ii kellu b'rnod tajjeb sabiex jithallsu kredituri u fl-istess hin jitnaqqas ir-responabbilita tieghu persona Ii;

Illi I-fatt ta' negligenza johrog b'mod car mill-fatt Ii I-intimat naqas milli jsegwi I-kawzi Ii sstitwixxa kontra r-rikorrent, tant hu hekk Ii I-kawzi kollha gew dezerti jew kancellati minhabba nuqqas ta' interess minn naha ta' Simon Vella. Dan johrog car mill-verbali Ii ha jigu pprezentati fil-mori ta' din il-kawza fejn juru Ii I-intimat rarament kien jidher il-Qorti liema fatt gie mohbi Iii kredituri b'detrirnent ghalihom liema fatt kellu impatt dirett fuq ir-rikorrent billi socjetajiet Ii kellhom garanziji personali fil-konfront tieghu bdew jistitwixxi proceduri kontrih personalment;

Illi meta wahda minn dawn il-kawzi kienet tigi kancellata I-inti mat kien ipprezenta rikors ghar-riappuntament tal-kawza. Ezempju ta' dan huwa rikors datat 30 ta' Jannar 2006 fl-atti tal-kawza Simon Vella vs Carmelo Pace et. wara Ii I-kawza giet ikkancellata mill-lista tal-kawzi, hawn hekk anness bhala 'Dok. A'. L-intimat iddikjara li ghad ghandu nteress fil-kawza u ddikjara:
"Illi dewmien sabiex jintlahaq don il-ftehim gej mill-fatt li, ghalkemm saret offerta sostanzjali minn terza persuna, I-istess offerta ma tkoprix bizzejjed sabiex id-djun privileggjati u dawk Ii huma unsecured jithallsu u , ghaldaqstant, I-istralejarju qieghed attwalment jipprova jinnegozja ma xi kredituri privileggjati sabiex dawn jaeeettaw Ii jnaqqsu I-kreditu taghhom fl-interess supreme tal-korp tal-kredituri Ii I-maggoranzataghhom ma jaqawx taht krediti privileggjati."

Illi mhuwiex minnu Ii kienet saret offerta minn terza persuna kif ukoll mhuwiex minnu Ii I-istralcjarju kien qieghed jinnegozja mall-kredituri fuq din I-offerta, lierna negozjati u offerta ma jirrizultawx minn ebda dokument;

Illi I-intimat naqas ukoll milli jirraprezenta lill-kumpannija f'kull haga u Ii jaghmel dawk il-hwejjeg Ii jkunu mehtiega biex jigi stralcjat in-negozju tal-kumpannija u sabiex jitqassam I-attiv taghha. Illi f'sitt snin Ii I-inti mat okkupa I-kariga ta' stralcjarju tal-Kumpanija naqas milli jesegwixxi I-obbligi tieghu ai termini tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment I-artikolu 283(1) Ii jistipula s-segwenti:
"Fil-kaz Ii stralc idum iktar minn tnax-il xhar I-istralcjdrju ghandu jsejjah laqgha generali tal-kumpannija fi tmiem I-ewwel tnax-il xahar minn meta jib do I-istrale, u fit-tmiem to' kull tnax-il xahar jew fl-ewwel data konvenjenti fi zmien tliet xhur mittmiem

tas-sena jew f'dak iz-zmien itwalli r-Registratur jista' jaghti permess ghalih, u ghandu jqieghed quddiem il-laqghat rendikont to' l-atti u n-negozju tieghu u tat-tmexxija tal-istralc matul it-tnax-il xahar ta' qabel u sommarju to' dhul u nfiq."

llli bejn l-2001 u l-2007 l-intimat ma jidhirx li ezegwixxa l-obbligi tieghu ai termini ta' artikolu 283(1). Apparti minn hekk r-rikorrent ma kienx infurmat b'dawn il-laqghat u ghalhekk ma setghax jissalvagwardja l-interessi tieghu. Meta dan l-ahhar r-rikorrent talab ghad-dokumenti li juru li sejjah dawn il-laqghat u informa l-partijiet interessati b'zvillupi tal-kumpanija l-intimat iddikjara li ghandu ammont kbir ta' dokumenti pero meta ppressat sabiex jipprezenthom lir-rikorrent huwa ghadda zewg dokumenti biss li huma s-segwenti:

1. 'Update Circular 001/2001' datat 15 ta' Lulju 2001 hawnhekk anness bhala 'Dok. 8'
2. Minuti ta' 'Creditor's Committee' datat 5 ta' Gunju 2002 hawnhekk anness bhala 'Dok. C'

IIIi ghalkemm f'Dok. B hemm iddikjarat li l-intimat sejjah disa (9) laqghat tal-kumitat tal-kredituri ma hemm l-ebda minuti ta' dawn il-laqghat iktar u iktar minuti li juru li saret offerta minn Carmelo Pace sabiex ihallas minn butu somma addizzjonali ta' mitejn u erbghin elf liri Maltin (Lm240,000) ekwivalenti ghal hames mija u disgha u hamsin elf u mitejn euro (€559,200) sabiex xi kredituri jkun jistghu jithallsu;

Illi apparti minn dan kollu bosta drabi r-rikorrent talab lill-intimat sabiex jipprovdilu statement of affairs tal-kumpanija sabiex ikun jaf x'sar mill-assi u jekk thallusx xi, kredituri u dan minhabba li l-intimat qatt ma tah informazzjoni fuq dawn l-affarijiet. Wara bosta tentattivi sabiex jakkwista din l-informazzjoni, kien biss permezz ta' ittra datata l-10 ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009), hawnhekk anness bhala 'Dok. D', li rrikonoxxa li r-rikorrent ghandu dritt li jara dawn id-dokumenti u tramite l-avukat tieghu Dr John Cremona sostna "Dwar it-talba tal-klijent tieghek ghal 'statement of affairs' ta' kull sena tal-istralc tal-kumpanija in kwistjoni, ahna inkarigati ninfurmawk li tali rendikont ghandu jkun f'idejn il-klijent tieghek mill-aktar fis u probabilment sa l-ahhar ta' Gunju." IIIi sallum l-intimat ghandu ma pprovdix dawk id-dokumenti lir-rikorrent;

Illi s-socjeta M.A. Supermarkets Limited kellha diversi facilitajiet mas-socjeta Bank of Valletta p.l.c. FI-2001 is-socjeta Bank of Valletta p.l.c, kienet kreditrici tas-socjeta M.A. Supermarkets Limited ghas-somma ta' mija hamsa u tlettin elf liri Maltin (Lm135,000) ekwivalenti ghal tlett mija erbatax-il elf hames mija u hamsin euro (€314,550). Fuq id-debitu komplessiv kien hemm zewg garanziji personali:
L-ewwel wahda ggib id-data tat-8 ta' Marzu 1999 u t-tieni wahda ggib id-data tas-26 ta' Ottubru 1999. Illi permezz ta' dawn iz-zewg garanziji personali r-rikorrent Michael Debono flimkien ma’ martu Jane Debono ggarantew flimkien u 'in solidum' mas-socjeta M.A. Supermarkets Limited lil-Bank of Valletta p.l.c, kif ukoll ipotekaw il-proprjeta immobbli taghhom a favur il-bank.

Illi fl-1 ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002), billi s-socjeta M.A. Supermarkets naqset milli thallas id-debitu dovut lis-socjeta Bank of Valletta p.l.c., u billi s-socjeta M.A. Supermarkets kienet qed tigi likwidata, ir-rikorrent flimkien ma’ martu Jane Debono gew personalment interpellati sabiex ihallsu l-ammont dovut mis-socjeta M.A. Supermarkets. Sussegwentament il-Bank of Valletta p.l.c, isstittwixxa proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex l-Onorabbli Qorti tikkundana lill-konjugi

Debono jhallsu l-bilanc ghad-debitu fid-diversi kontijiet bankarji tas-socjeta M.A. Supermarkets Limited mal-Bank of Valletta p.l.c, flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-effettiv pagament, liema talba giet milqugha u eventwalment ikkonfermata fl-appell. Izda d-debitu llum, bl-imghaxijiet jammonta ghal oltre hames mija disgha u hamsin elf u mitejn euro (€559,200) liema ammont huwa dovut mir-rikorrent personalment flimkien mall-mara tieghu Jane Debono;

Illi f'kawza bl-ismijiet Savemart Company Limited et vs Michael Debono, ir-rikorrent kien ordnat ihallas is-somma ta' dsatax-il elf sitt mija u tlieta u ghaxrin lira Maltin (Lm19,623.96) ekwivalenti ghal hamsa u erbghin elf, sebgha mija u tnejn u tlettin euro (€45,7S3), liema somma kienet dovuta mis-socjeta M.A. Supermarket Limited. Madankollu r-rikorrent fil-kapacita tieghu personali kien deher fuq skrittura privata u kien irratifika l-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta M.A. Supermarkets Limited u ddikjara illi in solidum mas-socjeta M.A. Supermarkets qieghed jiggarantixxi l-istess obbligazzjonijiet. Is-socjeta Savemart Company Limited kienet tablet ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra r-rikkorent sabiex ma jiddisponix mill-proprjeta mmobbli tieghu;

Illi f'kawza ohra bl-ismijiet Paolo Bonnici Limited vs M.A. Supermarkets Limited et ir-rikorrent flimkien ma Mark u Alex Debono kienu ordnati jhallsu s-somma ta' ghaxart elef disa’ mija u erbgha u sittin liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm10,964.31) ekwivalenti ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin elf hames mija u sitta u erbghin euro u erbgha u tmenin centezmu (€25,564.80). Hawnhekk ukoll ir-rikorrenti dahal bhala garanti personali ghas-somma dovuta lis-socjeta Paolo Bonnici Limited;

Illi peress ii-process ta' likwidazzjoni ma wassal ghall-ebda hlas ta' krediti dovuti mis-socjeta M.A. Supermarkets ir-rikorrent gie f'sitwazzjoni fejn irid jaghmel tajjeb ghal dawk il-krediti li ghalihom huwa garanti personali, cioe primarjament dawk il-krediti dovuti lil Bank of Valletta p.l.c, lil Savemart Company Limited u lil Paolo Bonnici Limited;

IIli minhabba l-fatt li l-Bank of Valletta p.l.c, ma thallset xejn mill-istralc tal-kumpannija, li ghadu ghaddej sallum, u peress ghandha garanzija personali kontra r-rikorrent, iddecidiet li ddur fuqu sabiex ihallsha ghall-ammonti dovuti mis-socjeta M.A. Supermarkets fuq diversi facilitajiet li kellha l-kumpannija mall-Bank. Dan il-fatt wassal sabiex ir-rikorrent huwa issa f'posizjoni fejn irid ibiegh id-dar residenzjali tieghu sabiex ihallas dan id-dejn. II-bank kreditur ta' zmien qasir lir-rikorrent sabiex ibiegh id-dar tieghu fuq is-suq, pero jekk dan ma jsirx il-bank ser ikollu jipprocedi tramite bejgh b'subbasta. II-bejgh ta' din il-proprjeta qed tigi mxekkla wkoll minn mandat ta' inibizzjoni tas-socjeta Savemart Company Limited;

Illi jekk wiehed jara s-sekwenza tal-fatti johrog b'mod car li l-istat li jinsab fih illum r-rikorrent huwa unikament tort l-intimat minhabba n-negligenza tieghu fl-amministrazzjoni tal-istralc, specjalment dak li jirrigwarda l-offerti li sarulu li jilhqu tlett mija u erbghin elf liri Maltin (Lm340,000) ekwivalenti ghal seba’ mija u tnejn u disghin elf u mitejn euro (€792,200). Li kieku l-intimat informa lii Kumitat ta' Kredituri b'din l-offerta bil-possibilita ta' ftehim sabiex jibdew jithallsu kredituri fosthom dawk privilegjati bhal Bank of Valletta p.I.c. ir-rikorrent ma kienx ikun espost bhal kif inhu llum;

Illi l-intimat dejjem issostni li llum hu ma ghandux x'jaqsam izjed ma l-istralc tal-kumpannija M.A. Supermarkets u dan minhabba l-fatt li hu rrezenja fil-5 ta' Frar 2007. Madankollu fl-14 ta' Frar tas-sena 2008, cioe sena wara li rrezenja pprezenta rikors fl-atti tac-citazzjoni nru: 1835/01LFS Simon Vella vs X, hawnhekk anness bhala 'Dok. E' fejn sostna illi: "Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi giet differita sine die Jl-udenzja tad-19 to' Novembru 2007 ... lIIi effettivament, in nuqqas da parti tal-esponent li jattendi s-seduta msemmija ma kienx intenzjonat bl-ebda mod bhala offiza jew nuqqas ta' rispett lejn l-awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti, izda kien dovut unikament ghal fatt li l-esponent ma kienx gie notifikat bl-avviz tas-smigh." Illi l-intimat ghalkemm kien ilu sena li rrezenja mill-kariga tieghu xorta baqa’ jipprezenta rikorsi fil-kapacita tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta M.A. Supermarkets Limited. Dan juri b'mod car kif kien negligenti fl-azzjonijiet tieghu dan ghaliex kompla jaggixi bhala stralcjarju meta suppost informa lil kredituri li rrezenja sena qabel;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex:

1. Tiddikjara l-intimat Simon Vella mexxa b'mod negligenti l-istralc tal-kumpannija, u dan b'dannu dirett lejn ir-rikorrenti Michael Debono u dan ai termini tal-artikolu 1032 u/jew 1033 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tillikwida d-danni a favur tar-rikorrent Michael Debono;

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:

1. Illi, fl-ewwel lok, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti ma agixxiex b'mod negligenti kif qed jallega l-attur.

2. Illi, fit-tieni lok, ta' min ighid li minn ezami tal-kotba tas-socjeta M.A. Supermarkets Limited kien hemm debitu ta' oltre €2,562,310 filwaqt li hemm ftit assi mobbli, ebda depoziti bankarji (salv cirka (7000) u ebda investimenti ohrajn. Kien hemm stat hazin hafna u deficjenti ghall-ahhar dwar dak kollu li jikkoncerna z-zamma ta' kotba u sistemi u kontrolli kif ukoll karenza qawwija u kolpuza fil-management in generali tal-kumpannija imsemmija. Inoltre, jirrizulta li d-diretturi u shadow directors rinfaccjati b'tali sitwazzjoni disastruza tal-kumpannija mhux biss komplew jinnegozjaw izda, tabilhaqq, ikkonkludew serje ta' kuntratti notarili u skritturi privati li, effettivament, svestew lis-socjeta msemmija minn porzjon sostanzjali immens mill-assi taghha. Difatti, per ezempju, jirrizulta li permezz ta' skrittura privata datata 12 ta' April, 2001, konkluza bejn M.A. Supermarkets Limited u Ganza Supermarket Limited li giet inkorporata ftit jiem qabel l-M.A. Supermarkets cediet favur Ganza Supermarket il-lokazzjoni tal-hanut maghruf bhala Ganza Shopping Centre, flimkien ma' garaxx bla isem u bla numru fiz-Zejtun. Id-diretturi ta' Ganza Supermarket Limited huma Mark Debono (it-tifel ta' l-attur) u Gorg Aquilina, ex-impjegat ta' M.A. Supermarkets Limited. Addirittura, l-istess diretturi u shadow directors, jew min minnhom, anke ghamlu tentattiv ta' trattament preferenzjali ta' kreditur li jigi direttament minnhom a detriment car u sfaccat tal-korp ta' kredituri. lnfatti, Carmelo Pace kif ukoll martu Mary Pace, li jigu l-genituri tal-mara tal-attur fid-9 ta' April, 2001 dehru fuq kuntratt notarili fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella fejn is-socjeta msemmija rrikonoxxiet dejn cert, likwidu u dovut favur taghhom ta' mitejn u hamsin elf liri Maltin

(Lm250,000) liema dejn kellu sena sabiex jithallas. Sussegwentement, biss gurnata wara (cioe fl-10 ta' April, 2001) u ftit izjed minn xahar qabel li s-socjeta xoljiet, regghu dehru fuq skrittura privata fejn iddikjaraw li kienu thallsu lura s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin elf erba' mija erbgha u erbghin liri Maltin (Lm225,444) permezz ta' trasferiment fil-konfront taghhom ta' diversi effetti mobbli appartenenti lis-socjeta imsemmija. Jirrizulta ukoll li whud minn tali effetti mobbli gew ikkonsenjati lill-imsemmi Alexander Debono (it-tifel tal-attur) biex jopera hu personalment wiehed mill-outlets li kienet topera s-socjeta M.A. Supermarkets Limited (cioe l-outlet tal-Merry Saver Supermarket li jinsab gewwa Triq C. De Brockdorff, il-Gzira). Infatti; ftit qabel li ghaddiet ir-rizoluzzjoni ta' xoljiment Alexander Debono kien akkwista gratwitament il-lokazzjoni tal-istess outlet permezz ta' kuntratt notarili datat 24 ta' April, 2001, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella, li fuqu dehru Carmelo Debattista & Sons Limited u l-istess Alexander Debono, wara li, fl-istess gurnata, is-socjeta M.A. Supermarkets Limited kienet irrinunzjat bla kunsiderazzjoni favur Carmelo Debattista & Sons Limited ghad-dritt ta' lokazzjoni taghha permezz ta' kuntratt notarili iehor fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella. Jidher car li dan l-isvestiment sistematiku u deliberat ta' l-assi tal-kumpannija kien jifforma parti minn skema maghmul minn dan u ghadd ta' trasferimenti ohra li sehhew wiehed wara l-iehor u fi perjodu qasir sa lejliet ir-rizoluzzjoni ta' xoljiment.

3. Illi, fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess, il-kawzi msemmija mill-attur kienu proceduri civili li l-esponenti kien fid-dover li jistitwixxi qua stralcjarju tas-socjeta M.A. Supermarkets Limited imqabbad mill-korp tal-kredituri, liema kawzi gew istitwiti a bazi tal-artikoli 315 (fraudulent trading), 316 (wrongful trading) u 303 (fraudulent preference) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta bi qbil mal-Kumitat tal-Kredituri li gie mwaqqaf mill-korp tal-kredituri. Illi, ghalhekk, l-esponenti kien qed jagixxi b'mod responsabbli u fl-ambitu tad-dmirijiet tieghu meta stitwixxa l-proceduri msejmmija.

4. Illi, fir-raba' lok u minghajr pregudizzju ghal premess, il-proposti bonarji maghmula minn Carmelo Pace [li kien ukoll konvenut fil-kawza fl-ismijiet Simon Vella vs Carmelo u Mary Pace (cit nru 1891/01JRM) li saret a bazi tal-artikolu 303 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, fost talbiet ohra,l-istess Qorti tiddikjara u taqta' li l-kuntratt notarili fuq imsemmi datat 9 ta' April, 2001, fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella u l-iskrittura privata sussegwenti datata 10 ta' April, 2001, kienu nulli u minghajr ebda effett fil-ligi stante illi jikkostitwixxu preferenza bi frodi ai termini tal-artikolu 303 tal-Kap. XXV tal-Ligijiet ta' Malta] ma gewx accettati mill-kredituri kollha fosthom David Inglott, il-bank u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante wkoll li l-offerta ta' Lm240,000 saret bl-intiza cara li tkun ghas-saldu. Dan qieghed jinghad in vista tal-fatt li biex isehh arrangament bejn il-kredituri jehtieg l-approvazzjoni ta' zewg terzi mill-valur tal-kredituri kollha ai termini tal-artikolu 291 tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi, jinghad ukoll li kien hemm kredituri preferenzjali ohra apparti l-Bank, fosthom il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u kien hemm pagi dovuti lill-impjegati.

5. Illi, fil-hames lok mhux biss l-esponenti mhu responsabbli ghal ebda danni u mhemm ebda danni x'jigu likwidati jew jithallsu lill-attur izda it-talba ghad-danni hi assurda u improponibbli stante illi l-attur stess kien l-artefici ta' agir abbuziv u illegali a detriment car u sfaccat tal-korp ta' kredituri li bejniethom tilfu cirka €2,562,310. Ta' min wiehed jiftah parentesi hawn u jghid li jekk l-attur xtaq ihallas lill-kredituri ma missux illikwida kumpannija falluta li giet sistematikament svestita minnhu u mill-

qraba tieghu, fosthom l-imsemmi Carmela Pace, mill-unici assi li kellha fil-gimghat u, addirittura, fil-jiem ta' qabel ma giet stracjata.

6. Illi l-esponenti rrizenja mill-kariga tieghu ta' stralcjarju fil-5 ta' Frar, 2007, u mhu obbligat jaghti ebda rendikonti ghal zminijiet sussegwenti ghar-rizenja tieghu.

7. Illi l-esponenti agixxa b'mod prudenti u fl-interessi tal-kredituri u zamm numru ta' laqghat tal-kredituri tul il-kariga tieghu ta' stralcjarju kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

8. Illi, sussidjarjament, jinghad li l-kawza gew dezerti jew ikkancellati mhux minhabba xi nuqqas ta' interess da parti tal-esponenti izda, semmai, stante nuqqas ta' rieda tajba min-naha tal-attur li (tramite terzi li jigu minnu) ghamel biss proposti fiergha lill-korp tal-kredituri li permezz taghhom il-kredituri mhux privileggati kienu ser jithallsu fl-ahjar ipotesi percentagg zghir immens (cirka 3%) tal-kreditu taghhom li, ghalhekk, effettivament, qatghu qalbhom li qatt kienu ser jithallsu.

9. Illi, sussidjarjament, dwar l-allegazzjonijiet tal-attur in konnessjoni mal-offerta ta' Lm100,000 ghall-istock tal-M.A. Supermarkets Limited jinghad li l-attur ma setgha jaghti ebda stock lists biex jindika l-livell ta' stocks. Inoltre, li ma qalx l-attur hu li l-offerta tieghu kienet ikkundizjonata mal-accettazzjoni min-naha tal-korp tal-kredituri li hu jkompli jopera dawk il-hwienet li kienu gew trasferiti mill-M.A. Supermarkets Ltd lill-kumpanniji tieghu u tat-tfal tieghu fix-xhur u granet qabel ix-xoljiment tal-kumpannija. Il-proposta kienet palesement inaccettabbli stante li kienet timplika li l-kredituri kellhom jissanzjonaw trasferimenti ta' assi mill-M.A. Supermarkets Ltd li kienu jikkostitwixxu preferenzi bi frodi u, meta giet diskussa mal-kredituri, dawn ma accettawiex.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat nota ta' eccezzjonijiiet ulterjuri tal-konvenut li tghid hekk:

Illi l-azzjoni odjerna in kwantu r-rikorrenti qed jitlob il-hlas tad-danni, hija perenta bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Eccezzjoni dwar preskrizzjoni**

L-intimat eccepixxa ulterjorment li l-azzjoni odjerna, in kwantu r-rikorrent qed jitlob il-hlas ta' danni, hija perenta bil-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16. Illi l-intimat rrezenja fil 5 ta' Frar 2007 u giet prezentata ittri ufficjali fil-4 ta'

Frar 2009 [fol. 279] li giet mwiegbha fil-20 ta' Frar 2009 [fol. 281]. Ghalhekk kwantu l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 2153 dina gie interotta ghalhekk l-eccezzjoni ma tistax tintlaqa'.

**Talba**

F'dina l-kawza r-rikorrent qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-intimat mexxa b'mod negligenti l-istralc tal-kumpannija, u dan b'dannu dirett lejh u dan ai termini tal-artikolu 1032 u/jew 1033 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ligi**

F'materja ta' danni hu ben assodat illi l-kundanna dwarhom tippresupponi htija f'min ikun gabhom fis-sehh. Htija din li trid bil-fors tirrizulta minn xi att jew trasgressjoni tad-dover u mankanza tad-debita diligenza, ghal liema jirreferu l-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili. Kif rilevat fis-sentenza fl-ismijiet **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi noe** (App Kum 02/03/1962), 'mill-analisi tal-istess disposizzjonijiet tal-ligi jirrizulta illi ghall-applikazzjoni taghhom ghandhom jikkonkorru tliet elementi li huma (1) il-fatt-dannuz illecitu, (2) l-imputabilita tal-istess fatt ghal min ikun ghamlu, u (3) id-dannu kagonat minn dak l-istess fatt.'

Il-funzjoni tal-istralcjarju ta' kumpannija dixxjolta huwa li inter alia jikkustodixxi l-patrimonju tas-socjeta, jinvestiga l-pretizi kollha avvanzati kontra s-socjeta mill-kredituri taghha, jiddeciedi l-kwistjonijiet ta` gradwazzjoni li jinqalghu, jaghmel pjan ta' distribuzzjoni tal-attiv, u jahseb ghat-tqassim meta l-pjan ikun approvat. **Fl-atti tal-istralc tal-kumpannija Il-Palma Agricultural Supplies Co Ltd** deciz 7 ta' Lulju, 2015.

**PROVI**

Michael Debono xehed li hu direttur ta' M.A. Supermarkets li kienet tikri hames postijiet ohra taht il-kappa ta' M.A. Supermarkets. Fit-2000 is-sitwazzjoni finanzjarja kienet wahda mweghra hafna fir-riward ta' cash flow u kien gie suggerit lilu mill-

awditur Ray Vella li jikri l-hames outlets u jakkwista superkmarket kbir. Carmelo Pace, missier il-mara, kien offrilu li jselfu Lm100.000 ghal dan l-iskop izda kienu nqalu xi diffikulta fin-negozjati u l-affari spiccat fix-xejn. Minflok bil-flus kien akkwista Ganza Supermarket u bli baqa` hallas xi suppliers, imma lil Pace ma kienx hallsu lura. L-affarijiet baqghu sejrin hazing u l-awditur qallu li kien hemm bzonn ta’ cash injection. Carmelo Pace rega selfu Lm140,000 u bhala garanzija pogga l-hardware tal-kumpanija. Huwa ukoll ma setghax jonora lanqas dana is-self u ghalhekk kien tah il-hardware lil Carmelo Pace. Is-suppliers tieghu kienu lesti biss li jbieghulu fuq cash basis. L-avukat tieghu ghalhekk kien tah parir li jistralcja l-kumpanija. Fl-24 ta’ Mejju 2001 l-kumpanija bdiet il-process ta’ stralc, gew appuntati l-istralcjarji u ddecieda li jibda jbiegh l-istokk. Il-process pero inbidel f’wiehed ta’ *creditors voluntary winding up* u minflok l-istralcjarji li kien hemm, gie appuntat Simon Vella bhala stralcjarju.

Ghal l-ewwel Vella seta’ jillikwida l-istock konsistenti principalment f’ikel li kellu jinbiegh kemm jista’ jkun malajr. Hu flimkien mal-tfal tieghu offra li jixtru l-istock ghal prezz ta’ Lm100,000 u jhallsu l-prezz b’pagamenti ta’ Lm10,000 fix-xahar. Simon Vella rrifjuta dina l-offerta. Vella lanqas ma accetta offerta ohra li saret minn Carmelo Pace, missier il-mara, ghal prezz ta’ Lm240.000. Sa fejn jaf hu Vella ma kienx informa lil kredituri dwar dawn l-offerti. Minflok taffa s-sitwazzjoni Vella fetah erba kawzi fejn huwa allega agir abbuziv u frodi u ghamel mandat ta’ inibizzjoni kontra tieghu u kontra Carmelo Pace. Vella talab mill-Qorti dikjarazzjoni ta’ nullita’ ta kull ftehim u kuntratti li saru qabel il-kumpanija giet stralcjata biex jikkawtela l-interessi tal-kredituri. Minhabba nuqqas ta’ interess da parti ta’Vella dawn il-kawzi jew gew kancellati jew dikjarati dezerti [Dok. MD2 u 3]. Dawn il-kawzi esponew lilu u lil familja tieghu ghal responsabilita finanzjarja personali minhabba ipoteki li kellu. Hu qatt ma gie infurmat li Vella kellu xi offerta minn terza persuna jew li kien qed jigu diskuss kreditu previleggjat. Il-Bank of Valletta kien fetah kawza kontra tieghu u martu u gew ikkundannati jhallsu €559,200 flimkien mal-imghax. Minkejja li huwa kien jipprova jakkwista informazzjoni dwar l-andament tal-kumpanija hu baqa b’xejn u qatt ma rceva l-*statement of affairs* li kien gie mwieghed. Kuntrarjament ghal dak li qal Vella fl-eccezzjonijiet tieghu, M.A. Supermarkets kellha sistema fejn kull transazzjoni li kienet issir kienet tigi registrata fis-sistema komputerizzata. Dan l-inputting kien jigi verifikat kull xahar mill-awditur tieghu Ray Vella. Billi Mark Sammut li kien ghamel din

is-sistema ma kienx thallas ta' xogholu, hu kien ha s-sistema mieghu. Vella qatt ma kien kellem lil dan Mark Sammut fuq dina l-informazzjoni. L-affari dwar ix-xiri ta' Ganza Supermarket ma gratx kif allega Vella dwar l-involviment ta' martu, imma kif huwa spjega hawn fuq. L-itess dwar kif gie dispost il-hardware li huw tah lil Pace billi ma setghax ihallsu tad-dejn li kellu mieghu. L-istess dwar l-akkwist gratuwitu tal-lokazzjoni tas-Supermarket Merry Saver li sar biex il-kirja ma tintilifx. Hu ma kienx ried li l-kumpanija tigi stralcjata imma l-intenzjoni tieghu kienet li jitnehhew il-mandati li saru kontra l-kumpanija. L-assi tal-kumpanija qabel ghalqu kien l-istock. Il-posizzjoni qabel dahal in xena l-intimat kienet wahda fejn kien hemm aktar djun milli assi u ghalhekk kienet insolventi. Id-danni li sofra b'rizultat tal-operat tal-intimat hu li se jkollu jbiegh id-dar biex jithallsu l-kredituri, li huma l-istess li kienu jezistu qabel dahal in xena l-intimat. L-ipoteka mal-bank kienet hemm qabel dahal l-intimat. Id-dejn ma' bank illum irdoppja. Hu kienx ha passi kontra l-intimat meta kien hemm il-kawzi pendenti. Oltre il-bank kien hemm kredituri ohra. Kieku l-intimat accetta l-offerta ta' Carmelo Pace kieku hu kien ikollu biex ihallas almenu parti mid-dejn tal-bank ghalkemm ma jkopri id-dejn kollu pendenti. Il-kumpanija ma hallsitx lill-bank ghax ma kelliex flus.

Mark Debono, ex direttur ma' missieru u huh Alexander ta' M.A. Supermarkets, xehed li hu rrizenja mill-kumpanija fit-23 ta' Mejju 2001 izda kien jiddiskuti ma' missieru l-problemi li kienu jinqalghu anke wara li telaq. Fit-2000 is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija kienet hazina bi problema ta' cash flow. Iddecidew li joperaw supermarket wiehed u jnehhu l-ohrajn. Kien isselfu flus minghand Carmel Pace, in-nannu tieghu, li tahom Lm100,000 biex jakkwistaw Pirella Supermarket. In-negozjati pero ma kienux success u minflok xtraw Ganza Supermarket u bil-kumplament tal-flus li kien fadallhom hallsu xi suppliers. Il-kumpanija baqghet pero tbati minn nuqqas ta' cash flow u Carmelo Pace rega sellifhom Lm140,000 u tawh garanzija fuq il-hardware. Is-sitwazzjoni ma tbddlitx u ghalhekk stralcjaw il-kumpanija gurnata wara li hu rrizenja. Huma kienu ghamlu offerta biex jixtru l-istokk imma dina ma gietx accettata mill-intimat. Wara sema li l-intimat kien biegh l-istokk ghal valur ferm inqas ma dak li huma kienu offrew, ghalkemm ma jistax ighid b'kemm ghax qatt ma ra l-statement of affairs tal-kumpanija. Vella kien anke rrifjuta offerta ta' Carmelo Pace ghal Lm240.000 biex ighin il-kumpanija finanzjarjament. Jaf minghand missieru

li kellu problemi mal-bank minhabba ipoteki fuq id-dar tieghu. Dan gara ghax Vella ghalkemm kellu modi u mezzi u opportunitajiet biex itaffi d-debitu tal-kumpanija izda naqas li jaghmel dana. Kieku accetta l-offerta taghhom u ta' Carmelo Pace kieku l-krediti l-kbar kienu jigu sodisfatti. Vella mhux biss ma ghenx lil kumpanija tissalda l-krediti imma fetah kawzi kontra l-genituri tieghu li l-istess Vella ma baqax isegwi.

Alexander Debono xehed fl-istess sens bhal missieru u huh fuq is-sitwazzjoni tal-kumpanija. Ighid li fir-rigward tal-Supermarket Merry Saver, M.A. Supermmarket ma kinitx f'posizzjoni li thallas il-kera tal-post, ghalhekk kien dahal hu biex ihallas il-kera bi ftehim mas-sid Carmelo Debattista & Sons Ltd u bl-ghajnuna finanzjarja taz-zijiet u wara tan-nannu Carmelo Pace. Wara li ha l-kera f'ismu, kien rrizenja minn M.A. Supermarket.

Jane Debono mart Michael Debono xehdet li hija ma kinitx imdahhla fl-intricci tal-kumpanija in kwistjoni u rripetiet dak li qalu zewgha u t-tfal taghha kif missierha kien offrilhom flus biex ighin il-kumpanija. Hi cahdet dak li qal l-intimat li hija u missierha kienu speci ta' *shadow directors*. L-intimat kien anke fetah kawza kontra taghha li marret sine die. Tikkonferma li minhabba negligenza tal-intimat huma gew esposti ghal responsabilita finanzjarja qawwija u anke l-bank kien mexxa kontra taghhom personalment.

Claudette Fenech, xehdet li l-intimat kien nominat likwidatur fis-7 ta' Gunju 2001 [Dok. CF1 a fol. 73] u rrezenja fil 5 ta' Frar 2007. [Dok. CF1 a fol. 74]. Skond l-artikolu 322 tal-Companies Act, winding up suppost issir fi zmien sena, u jekk ma ssirx, l-istralcarju jrid jibghat rendikont kull sitt xhur. Wara l-intimat ma kien gie appuntat hadd bhala stralcjarju.

Dr Josette Galea, legal advisor fir-Recoveries Department tal-Bank of Valletta, xehdet li l-bank kien ippartecipa f'dan l-istralc. L-istralc kien bdih direttur imbaghad il-kredituri ddecidew li jibdlu l-likwidaturi li kien hemm u jahtru lil Simon Vella. Gie mwaqqaf *liquidation committee* u l-bank bhala kreditur maggoritarju. Hija kienet tirrapprezenta lill-bank fuq dan il-kumitat u ltaqghu diversi drabi. Kienu bdew fit-2001, bejn wiehed u iehor. Il-bank kellu wkoll ipoteka specjali b'garanzija personali

ta' Michael Debono u Jane Debono ghad-dejn dovut minn M.A. Supermarkets u ghalhekk ma baqax isegwi l-proceduri sal-ahhar. Bejn 2001 u 2002 kienu jiltaqghu regolarment id-diversi membri li kien hemm fil-kumitat u din kienet *hot issue* ghax kien hemm ammonti kbar u aktar minn supermarket wiehed involut. Is-supermarket Savemart kien mimli stock u riedu jaraw x'ser jaghmlu bih. Kien hemm certu Seychell li kien interessat jixtri parti mill-istock pero l-kredituri ddecidew li jergghu jifthu s-supermarket Savemart biex ibieghu l-istock u fi zmien jumejn kienu bejghu kwazi kollox u gabu somma tajba. Is-somma kienet ahjar mill-offerti li kellhom. Is-Sur Debono qatt ma ghamel offerta ghall istock ta' Savemart. Kien hemm haddiehor mhux is-Sur Debono.Is-Sur Carmel Pace kien ghamel offerta ta' Lm100,000 bhala *final settlement* biex jaghlaq il-liquidation u ma jfittxuhom personalment u fuq frodi. Il-pagament ta' dina s-somma pero kien se jiehu z-zmien u l-kredituri ma riedux jistennew ghax lanqas kienu certi li ser jithhalsu wara kollox. Kien hemm kondizzjonijiet ma' dina l-offerta u ghalhekk giet rifjutata. L-intimat kien istiwixxa kawzi kontra Michael Debono u Carmelo Pace ghal *wrongful u fraudulent trading* ghax kienu bieghu xi affarijiet meta kienu jafu li l-kumpanija kienet *insolvent*. L-intimat kien jaghtihom updates dwar dawn il-kawzi permezz ta' memorandum. Hemm konkors tal-kredituri wkoll imma il-bank mhux qed isegwih ghax kopert bil-garanzija personali. Meta rega xehdet fil-24 ta' Ottubru 2011 hija qalet li kienet attendiet il-*creditors meeting* li jsir kull sena, imma ma tafx jekk sarux laqghat ohrajn ghax kienet harget bil-leave. Bejn 2001 u 2002 kien saru hafna meetings biex ibieghu l-istock u biex jitterminaw il-kirjiet. Il-kumitat tal-kredituri kien iddecida li jmexxi fuq wrongful trading kontra r-rikorrent fuq parir tal-avukat.

Frank Mallia, Senior Relationship Manager fir-Recoveries Department tal-BOV xehed li kein hemm laqghat tal-kredituri f'Mejju u Gunju 2002. Kienet saret offerta minn Carmelo Pace li jassorbi d-dejn kollu pero din ma gietx accettata. Ma jidhirx li l-intimat kien infurmahom bl-ammont offrut minn dan Pace. Il-bank kien ghamel kawza kontra Debono biex jithallas mill-bejgh tad-dar tieghu. Wara it-2002 ma rcevew ebda rapport, updates jew korrispondenza da parti tal-intimat bhala stralcjarju.

Dr Joseph Chetcuti, legal advisor tal-Marsovin Group, xehed li Marsovin kellhom jiehdu flus minghand M.A. Supermarket li ghandhom dovuti sallum. Kienu jiltaqghu

regolarment mal-istralcarju. Kien hemm numru ta' laqghat f'temp ta'sena u nofs jew sentejn biex jippruvaw jaraw jekk hemmx possibilita li jithallsu. Kien hemm stock li nbiegh pero huma baqghu ma thallsu xejn. Kien hemm offerta tas-sur Pace ta' ammont zghir ghas-saldu li giet rifjutata. Kienu saru kawzi kontra Debono ghal *wrongful trading*. Fil-laqghat tal-kredituri l-intimat kien jinfurmahom x'qed jigri. Kellhom relazzjoni tajba mal-intimat. Gie li tqassmu *statement of affairs*.

Joe Falzon, rapprezentant ta' Paolo Bonnici Ltd ikkonferma li l-kumpanija taghhom ghandha tiehu minghand M.A. Supermarket ammont li ghadu ma thallasx. Huma kienu jiffurmaw parti minn korp ta' kredituri. L-intimat kien isejjah dawn il-laqghat.

Peter Wirth, ghal Alf.Mizzi & Sons Ltd xehed li M.A. Supermarkert ghandha taghtihom ghal merkanzija mibjugha lilhom. Kien hemm *liquidation committee* pero hu ma kienx involut personalment. Hu kien gie infurmat permezz ta' email mill-intimat fil 2007 li ma kienx ghadu stralcjarju. M'ghandux aktar dokumenti fil-file tieghu. Victor Brockdorf ghall-istess kumpanija xehed li kien membru fil-korp tal-kredituri. L-intimat bhala stralcjarju kien ghamel kawzi sabiex jattakka dak kollu li sar li tefa l-kumpanija f'sitwazzjoni kritika. L-intimat kien infurma lil kredituri li kien irrizenja minn stralcarju fit-2007. Mill-qbija ma ghandhux dokumenti ohra fil-file. Hu kien rah l-*liquidators transactions from official date of appointment June 2001 to 31st October 2001.*

Karmenu Schembri, ghal General Soft Drinks and Co xehed li fil-2007 kien hemm bilanc dovut minn M.A. Supermarket lil kumpanija taghhom. Kienu saru diversi laqghat waqt l-istralc li minnhom pero ma rrizulta xejn. Kienu saru xi offerti pero ma jiftakar xejn specifiku. Fil-file kull ma sab kien statement mis-sistema. Kienu involuti fil-konkors tal-kredituri pero ma jafx x'gara. Maria Micallef ghall-istess kumpanija, xehdet li kienu saru diversi laqghat tal-kredituri mal-istralcarju u kien sar xi biegh tal-istock rimanenti. Huma ma thallsux minn dana l-bejgh u kienu qatghu qalbhom ghax kien hemm kredituri preferuti bhal bank u l-impjegati. L-intimat kien jaghtihom rendikont ta' dak li qed jigri mil-lat finanzjarju. Fuq perjodu ta' sena u nofs, sentejn iltaqghu ghaxra, tnax-il darba. L-intimat kien avzahom li kien rrizenja. Tiftakar li kienet saret offerta pero ma tiftakarx dettalji. Fit-2005 ghalihom dina kienet *bad debt*. Sal 2005 kienu jsiru meetings darba fis-sena u kienet tattendi.

L-intimat xehed li ghal bidu huwa beda jghin xi kredituri minghajr kariga ufficjali. Kien hemm zewq stralcjarji li kienu gew appuntati direttament mir-rikorrent. Il-kredituri ma kienux accettaw dam u kien sar creditor's meeting fejn hu gie appuntat bhala stralcjarju. Gie appuntat ukoll creditor' committee assistit minn Dr Perici Calascione. Saru hafna laqghat biex isiru jafu d-dejn ta' kull kreditur u x'passi setghu jiehdu. Il-kumitat kien iddecieda li jiftha xi kawzi. Inzammu madwar hmistax il-laqgha tal-kumitat fi zmien 4/5 xhur. Laqghat tal-korp tal-kredituri nzammu madwar 3/4 fuq zmien ta' tlett snin u l-ahhar laqgha nzammet fit-2005. Hu ma zammx minuti ta' kull laqgha pero dawn li ghandu gew ezibiti a fol. 11 sa 18 tal-process. Dawn huma l-minuti tal-avukat tal-kredituri. Hu imbaghad kien ifiehem dawn il-minuti lil Korp tal-Kredituri. Kien jinfurma lill-kumitat bil-laqghat jew b'email jew b'telefonata jew inkellha jkunu ftehemu fl-ahhar laqgha. Hu ma ghamilx laqgha kull sena tal-korp tal-kredituri billi ma kienx hemm zviluppi jew kambjamenti x'jirrapporta. Meta hu gie appuntat stralcjarju ma kienx gie prezentat l-statement of affairs tal-kumpanija u fil-perjodu li kien stralcjarju l-atturi ma kienux tawh informazzjoni valida biex ikun jista' jasal ghal statement of affairs. B'refernza ghall-ittra ezibita a fol. 19 huwa kien diga rrezenja dak iz-zmien u ma jafx minn kien inkariga lil Dr Cremona jibghat dik l-ittra. Meta huwa gie appuntat stralcjarju, stock list ma kienx hemm u l-istock kien imqassam f'zewg stabilimenti, fiz-Zejtun u San Gwann. Kien hemm ammont kbir ta' stock skadut, fosthom ikel. Ghalhekk kienu ghamlu sighat twal jissortjaw dak li seta jinbiegh u dak li kien skadut u li ntrema fl-iskips [Dok. H]. Dak li kien fadal inbiegh b'mod malajr ghax il-post ta' San Gwann kien se jiskadilu l-kera [Dok. I]. Ir-rikavat gie depozitat l-bank. Sid il-kera kien anke hareg mandat fuq il-kontijiet tieghu rigward il-kera ta' San Gwann u ghad-danni minhabba tibdil strutturali. Il-kera u l-invoices thallsu mir-rikavat tal-bejgh tal-prodotti; thallsu n-nies li hadmu biex jissortjaw il-prodotti, [Dok. D] l-ispejjez tal-kawzi, Lm3000 fees bhala stralcjarju bil-kunsens tal-kumitat tal-kredituri. Ir-rikavat mill-bejgh kien circa Lm45,000 bil-VAT. Persuna wahda kien xtara l-parti kbira tal-prodotti. Il-bank kien baghat xi nies li offrew Lm20,000 u kien hemm iehor offra Lm29.500 pero l-kredituri ma accettawx. Sid il-kera kien sab wiehed li xtara kollox. Hu kien avvicina lil Carmelo Pace u dana kien offra pakkett shih fis-sens li jixtri l-istokk kollu ghal Lm100,000 u l-korp tal-kredituri jwaqqu l-kawzi kollha anke dawk personali u l-bank iwaqqa' l-claims tieghu kollha

personali fil-konfront tar-rikorrent u l-kumpanija. Barra l-Lm100,000 ghal istock, kien hemm offerta ta' Lm100,000 ohra ghal kredituri kollha. Dan kien ghas-saldu tal-ammont globali ta' miljun u mitejn elf dovuti mill-kumpanija. Pace ma kienx zied ma dina l-offerta. Il-kumitat ma accettax dina l-offerta ghaliex l-ammont ta' Lm100,000 lanqas kien ikopri il-kredituri privileggjati. Kien ipprova jittransigi mal-bank biex inaqqas l-ammont privileggjat imma ma waslux ghal ftehim.

Fuq kontroezami wiegeb li l-informazzjoni kellha tigi mghotija lilu mill-azzjonisti tal-kumpanija. Min-naha tieghu hareg lista tal-kredituri Dok. SV1 u ta l-informazzjoni lil kredituri bil-miktub. Id-dokumenti a fol. 11 sa 18 huma uhud mid-dokumenti li ghadilhom. Il-kredituri kienu hargu Lm2000 kull wiehed go fond meta gie kostitwit imbaghad hadu lura dik is-somma meta nbieghu l-prodotti [Dok. E]. Hu kien anke ghamel spejjez personali billi ma kienx hemm flus. Dwar il-kawzi huwa ighid li kull darba li kellu l-Qorti kien jitla' barra xi okkazzjoni meta l-avukat kien ighidlu li ma kienx hemm ghalfejn jitla. Huwa ghandu madwar hamsin kaxxa li gew mill-M.A. Supermarket. Kien ipprova jaghmel kuntratt mal-persuna tal-IT ta' M.A. izda dawn kienux thallsu u ghalhekk ma setghax jaghlaq. Dan kien qallu li tilef l-informazzjoni (Dok. J). F'din l-informazzjoni li ghandu, ghakemm jissemmew kotba tal-accounts, fil-fatt ma kienx hemm kotba imma purchase invoices fuq xulxin u ma kienx hemm ledgers hlief wiehed antik. Lanqas programm ma kellhom. Anke fil-purchase orders kien hemm nuqqas ta' informazzjoni u ghalhekk ma setghax jasal ghal stampa tal-affarijiet. Hu ma jiftakarx li kien ghamel xi management accounts (re Dok. CM1). Ma jiftakarx x'informazzjoni kien ta lil Qorti dwar xi transazzjoni jekk fil-fatt kien taha. Esebixxa Dok. SV li huma n-notamenti tieghu tal-meeting tal- 19 ta' Gunju 2001. Billi Carmelo Pace kien ighin finanzjarjament lil kumpanija M.A., il-kredituri kienu ssuggerewlu li jaghmel laqgha mieghu biex isibu kompromess. Is-Sur Pace stess kien huwa mid-debitur tal-kumpanija. Huwa kien spjegalu li qabel jibda l-istralc u jaghmel spejjez ried jisma l-posizzjoni tieghu dwar kif qed jara l-affarijiet u jekk kienx qed jara soluzzjoni. Pace wera xewqa li jaslu imma meta wrieh l-ammont dovut u n-numru ta' kredituri, dan qallu li l-prezz kien ghali hafna u hu ma kellux biss lil Jane, il-mara tar-rikorrenti. L-offerta tieghu kien ghas-saldu ta' kull pretenzjoni izda meta ltaqa mal-kumitat tal-kredituri dawn ma accettawx il-proposta ta' Pace kemm ghax il-prezz kien baxx kif ukoll ghax kien hemm stock skadut. Fir-rigward tal-ammont ta'

Lm145,000 li jisemma f'dan id-dokument, Dok. SV page 2, minn dak l-ammont kellu jitnaqqas spejjez tal-likwidazzjoni u affarijiet kurrenti, bhala dawl, ilma, insurance, kera. Ipprezenta ukoll Dok. A sa J li hija korrispondenza u dokumentazzjoni rilevanti ghal dina l-kwistjoni. Dok. J huwa affidavit tieghu li kien ipprezenta fi proceduri ohra li hu jikkonferma. Ikkonferma li qabel ma sar l-istralc kien hemm process sistematiku biex il-kumpanija tisvesti ruhha mill-ftit assi li kellha kif ukoll tittrasferixxi l-kirjiet tas-supermarkets lil nies involuti fil-familja tar-rikorrent. Permess ta' kuntratt tad-9 ta' April 2001 il-kumpanija zvestit ruhha minn assi taghha biex jidher li ma fadallha xejn. Meta hu gie appuntat stralcjarju l-kumpanija kienet gja zvestita ruhha mill-assi kollha li kellha li marru favur Carmelo Pace. Huwa, bhala stralcjarju, l-obbligu tieghu huwa li jagixxi f'isem il-korp tal-krudituri u mhux xi kreditur partikolari. Kull ma ddecieda u kull azzjoni li ha kienet diskussa u maqbula mal-kumitat tal-krudituri irrrespettivament jekk kienx hemm minuti bil-miktub. Huwa qatt ma gie offrut is-somma ta' Lm240,000. Billi ma kellux informazzjoni biex jaghlaq is-sena finanzjarja meta l-kumpanija giet mitfugha fi stralc, hu ma setghax jipprezentat il-karti tat-taxxa, imma id-departiment kien gie infurmat li l-kumpanija kienet fi stralc. Ma kienx irceva tax assessments mic-CIR izda rceva minghand tal-VAT billi r-rikorrent ma kienx ssottometta l-ahhar return. Il-korp tal-krudituri kien gie infurmat li ma setghux johorgu l-posizzjoni finanazjarja tal-kumpanija.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi r-rikorrent jissottometti li l-intimat, matul il-perjodu ta' kwazi sitt snin fil-kariga tieghu jamministra l-istralc tal-kumpannija, mexa b'mod negligenti u ma harisx l-interessi tal-krudituri billi ma zammhomx informati bl-izvillupi li kienu qedghin issehhu. Inoltre l-intimat ikkawza danni rreparabbli lir-rikorrent li gie mdahhal bla bzonn f'kawzi u gie espost ghal responsibilita finanzjarja li setghat giet evitata kieku l-intimat bhala stralcjarju amministra l-offerti li kellu b'mod tajjeb sabiex jithallsu krudituri u fl-istess hin titnaqqas ir-responabbilita personali tar-rikorrent.Ghalhekk isostni li d-danni li qed jitlob huma dawk li sofra b'rizultat tal-operat tal-intimat billi se jkollu jbiegh id-dar fejn joqghod biex jithallsu l-krudituri oltre spejjez ohra li kellhu jaghmel.

L-intimat jikkontendi li ma kien hemm ebda negligenza da parti tieghu u huwa ma kienx responsabili ghal fatt li s-socjeta M.A. Supermarkets Ltd giet rinfaccata minn diversi problemi finanzjarji jew ghal fatt li l-kumpanniji li kienu qed jissuplixxuha bil-prodotti waqfu milli jfornuha hlief fuq *cash basis*. Dak kollu gara qabel ma huwa dahal fix-xena. Il kredituri  huma l-istess li kienu jezistu qabel dahal hu. L-istess ghall-ipoteki li kien hemm mal-bank. Is-socjeta M.A. Supermarkets kellha debitu ta' oltre €2,562,310 u ftit assi. Ghalhekk huwa r-rikorrent li kien responsabbili ghal l-istat li fih giet il-kumpanija bi detriment car tal-korp ta' kredituri li bejniethom tilfu cirka €2,562,310. Id-dejn hu dovut mid-debitur M.A. Supermarkets Ltd u mir-rikorrent personalment u mhux mill-istralcjarju kif qed jippretendi r-rikorrent.

L-intimat xehed li kien hemm stat hazin hafna dwar dak kollu li jikkoncerna z-zamma ta' kotba u sistemi u kontrolli kif ukoll nuqqas fil-*management* in generali tal-kumpannija. Ir-rikorrent invece isostni li kellu sistema tajba u efficjenti ta’ kif izomm il-kotba.  L-intimat pero jsostni li bejn Awwissu 2000 u Mejju 2001 sad data tax-xoljiment, hu sab li l-accounts ma kienux qed jinzammu u ghalhekk ma kellux informazzjoni dwar it-tmexxija tal-kumpanija f’dak il-perjodu, hlief ghal xi karti minghajr ebda ordni u sekwenza. Is-supplier tal-IT ma kienx thallas ta’ xogholu u l-intimat ma setghax jigbor minghandu l-informazzjoni li kellu bzonn. Kieku r-rikorrent verament kellu s-sistema li jghid li kellu, kieku kien jinduna li l-kumpanija kien fi stat hazin hafna u li ma setghetx tkompli ghaddejja bin-negozju kif kien ghaddej.

Fil-perjodu sa Awwissu 2000 kien qed isir telf konsiderevoli u, skond l-intimat, id-diretturi ma hadux passi konkreti biex jissalvagwardjaw il-kredituri anzi komplew joperaw u jixtru stock. Huma ghazlu biss li jxolju l-kumpanija meta s-suppliers bdew jahdmu maghhom biss on a cash basis. Ighid li d-diretturi tal-kumpanija mhux biss komplew jinnegozjaw izda kkonkludew serje ta' kuntratti notarili u skritturi privati li, effettivament, svestew lill-kumpanija msemmija minn porzjon sostanzjali mill-assi taghha, u ghalhekk il-kredituri kellhom jifthu kawzi biex jannulaw dawk l-iskritturi u kuntratti biex jipprotegu d-drittijiet taghhom. Dan l-isvestiment tal-assi tal-kumpannija sehh fi perjodu qasir sa lejliet ir-rizoluzzjoni ta' xoljiment tal-kumpanija u min kien involut kien konsapevoli tal-istat hazin tal-kumpanija. Il-kawzi nftethu minhabba f’hekk.

L-intimat gie appuntat bhala stralcjarju tal-kumpannija mill-korp tal-kredituri u meta gie appuntat l-unika assi li kellha l-kumpanija u li huwa setgha jillikwida favur tal-kredituri kien l-istock tal-kumpannija liema *stock* kien jikkonsisti fl-ikel li kellu hajja kummercjali qasira hafna. L-istock kien imqassam f'zewg stabilimenti, fiz-Zejtun u San Gwann. Kien hemm ammont kbir ta' stock skadut, fosthom ikel. Kienu ghamlu sighat twal jissortjaw dak li seta jinbiegh u dak li kien skadut intrema fl-iskips [Dok. H u Dok. I]. Dak li kien fadal inbiegh b'mod malajr ghax il-post ta' San Gwann kien se jiskadilu l-kera.

Ir-rikorrent isostni li kienu saru offerti da parti tieghu u ta' Carmelo Pace biex jixtru l-istock izda l-intimat m'accettahomx u lanqas informa lill kredituri bl-offerti li kellu. Ghalhekk ighid li kieku l-intimat informa lill Kumitat ta' Kredituri b'dawn l-offerti kien ikun possibili li jibdew jithallsu l-kredituri fosthom dawk privilegjati bhal Bank of Valletta p.l.c., u huwa ma kienx ikun espost bhal kif inhu llum.

Illi l-intimat jinsisti li huwa kien ikkonsulta mal-kumitat ta' kredituri u dawn ma kienux lesti li jaccettaw l-offerti li ghamlu r-rikorrent u t-tfal tieghu li jixtru l-istock huma u lanqas dika ta' Carmelo Pace li johrog somma biex tieqaf l-likwidazzoni u ma jfittxuhomx billi dawn l-offerti kienu baxxi hafna meta komparat mas-somma dovuta lil kredituri li kienet taqbez iz-zewg miljuni u nofs.

Illi l-intimat spjega li l-offerta tar-rikorrent u t-tfal tieghu ta' Lm100,000 ghall-istock kienet ikkundizjonata mal-accettazzjoni min-naha tal-korp tal-kredituri li r-rikorrent ikompli jopera dawk il-hwienet li kienu gew trasferiti mill-M.A. Supermarkets Ltd lill-kumpanniji tieghu u tat-tfal tieghu fix-xhur u granet qabel ix-xoljiment tal-kumpannija. Il-proposta ma kinitx accettabbli ghal kredituri billi kienet timplika li l-kredituri kellhom jaccettaw trasferimenti ta' assi mill-M.A. Supermarkets Ltd li ghal kredituri kienu jikkostitwixxu preferenzi bi frodi [ara ittra datata 17/05/2001 a fol. 167 l-ahhar para. a fol. 169]. Inoltre l-Qorti tirrileva li jekk ir-rikorrent ma kienx kapaci jhallas lura l-Lm240,000 li kien silfu Carmelo Pace, (apparti somom dovut lill-kredituri l-ohra) l-kredituri kellhom ragun jiddubitaw kemm ir-rikorrent kien jiflah ihallas lura l-

Lm100,000 li hu offra ghall-istock u li kellha tithallas lura b'pagamenti ta' Lm10,000 fuq ghaxar xhur.

Dwar l-offerta ta' Carmelo Pace, lanqas dina ma giet accettata mill-kredituri fosthom David Inglott, il-bank u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni stante li l-offerta ta' Lm240,000 saret bl-intiza cara li tkun ghas-saldu ta' kull pretenzjoni tal-kredituri liema proposta ma kinitx accettabili in vista tal-ammont zghir offrut vis a vis l-ammont ta' zewg miljuni u nofs. L-offerta ta' Pace kienet ghas-saldu ta' kull pretenzjoni u bl-intiza li l-kredituri ma jmexxux kontra taghhom lanqas personaliment. Din l-offerta ma ntlaqatx mill-kumitat tal-kredituri kemm ghax il-prezz kien baxx hafna kif ukoll ghax kien hemm stock skadut [Dok. H]. L-intimat kien ipprova jittransigi mal-bank biex inaqqas l-ammont privileggjat imma ma waslux ghal ftehim. Pace ma kienx zied ma' dina l-offerta.

Jidher car ghalhekk li l-intimat kien zamm lil kredituri infurmati bl-offerti li kellu u li kienu l-kredituri li ma accettawx l-offerti. Fid-dokument Update Circular 002/2001 datata 31 ta' Ottubru 2001 [Dok. JG1 fol. 105] hemm spjegazzjoni ta' dan kollu ghal dak li jirrigwarda l-istock li kien fadal [ara fol 106] u l-offerta ta' Carmelo Pace [ara fol. 109]. Anke meta huwa kien irrezenja minn stralcjarlu hu kien informa lill-kredituri b'dan [ara fol. 204].

Illi r-rikorrent jissottometti wkoll li jekk wiehed jara s-sekwenza tal-fatti johrog b'mod car li l-istat li jinsab fih illum r-rikorrent huwa unikament tort l-intimat minhabba n-negligenza tieghu fl-amministrazzjoni tal-istralc. Illi, skond ir-rikorrent fis-sitt snin li l-intimat okkupa l-kariga ta' stralcjarju tal-kumpanija naqas milli jesegwixxi l-obbligi tieghu ai termini tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, partikolarment l-artikolu 283(1) li jaghmel laqgha tal-kumpannija u tal-kredituri meta l-istralc idum izjed minn tnax-il xahar. Ghalkemm fid-'Update Circular 001/2001 datat 15 ta' Lulju 2001 [ara Dok. B fol. 11] hemm iddikjarat li l-intimat sejjah disa laqghat tal-kumitat tal-kredituri ma hemm l-ebda minuti ta' dawn il-laqghat u lanqas minuti li juru li saret offerta minn Carmelo Pace. Huwa talab bosta drabi lill-intimat sabiex jipprovdilu *statement of affairs* tal-kumpanija sabiex ikun jaf x'sar mill-assi izda l-intimat qatt ma tah informazzjoni.

L-intimat xehed li meta hu gie appuntat stralcjarju l-kumpanija diga kienet insolventi u zvestita mill-assi kollha li kellha li marru favur Carmelo Pace. L-obbligu tieghu bhala stralcjarju kien li jagixxi f'isem il-korp tal-kredituri u mhux xi kreditur partikolari. Kull ma ddecieda u kull azzjoni li ha kienet diskussa u maqbula mal-kumitat tal-kredituri irrrespettivament jekk kienx hemm minuti bil-miktub.

Hu zamm numru ta' laqghat tal-kredituri tul il-kariga tieghu ta' stralcjarju biex isiru jafu d-dejn li kellu kull kreditur u x'passi setghu jiehdu. Inzammu madwar hmistax-il laqgha tal-kumitat fi zmien 4/5 xhur. Laqghat tal-korp tal-kredituri nzammu madwar 3/4 fuq zmien ta' tlett snin u l-ahhar laqgha nzammet fit-2005. Hu ma zammx minuti ta' kull laqgha pero gew ezibiti a fol. 11 sa 18 tal-process l-minuti tal-avukat tal-kredituri li huwa kien jfiehem lil Korp tal-Kredituri. Meta hu ma ghamilx il-laqgha ta' kull sena tal-korp tal-kredituri dan kien billi ma kienx ikun hemm zviluppi jew kambjamenti x'jirrapporta u l-kawza kienu ghadhom qed jinstemghu. Hu kien jinfurma lill-kumitat bil-laqghat jew b'email jew b'telefonata jew inkellha jkunu ftehemu fl-ahhar laqgha. Diversi kredituri li xehdu f'dawn il-proceduri kkonfermaw li kienu jsiru dawn il-laqghat u li l-intimat kien izommhom aggornati bl-izviluppi u dana indipendentement jekk kienux isirux minuti formali.

Ir-rikorrent jilmenta wkoll li l-intimat qatt ma ghaddielu statement of affairs tal-kumpanija. Illi l-intimat isostni li kien ir-rikorrent li kellu jghaddilhu l-informazzjoni dwar il-kumpanija, u ghalkemm talabilu dana ma ghaddielu ebda informazzjoni [ara f'dan is-sens fol. 172,u fol. 174 u l-ittra datata 14/01/2001]. L-intimat isostni wkoll li r-rikorrent kien jaf x'kien l-istat li kienet fih il-kumpanija u x'kien ghamel bl-assi taghha. L-intimat ma giex prezentat bl-statement of affairs tal-kumpanija fil-perjodu li huwa kien stralcjarju u ghalhekk ma kellux informazzjoni valida biex ikun jista' jasal ghal statement of affairs tal-kumpanija li jista jghaddi lil kredituri. Ighid li kellu madwar hamsin kaxxa li gew mill-M.A. Supermarket u li kien ipprova jaghmel kuntratt mal-persuna tal-IT ta' M.A. Supermarkets izda dan ma kienx thallas mir-rikorrent u baqa' bla informazzjoni u ma setghax jaghlaq. Fl-informazzjoni li kellu, ghalkemm jissemmew kotba tal-accounts, fil-fatt ma kienx hemm kotba imma purchase invoices fuq xulxin u ma kienx hemm ledgers hlief wiehed antik. Anke fil-purchase orders kien

hemm nuqqas ta' informazzjoni b'hekk ma setghax jasal ghal stampa tal-affarijiet. Min-naha tieghu huwa gabar il-lista tal-kredituri [Dok. JV1] u ghaddha dina l-informazzjoni lil kredituri bil-miktub. Billi ma kellux informazzjoni biex jaghlaq is-sena finanzjarja tal-kumpanija meta giet mitfugha fi stralc, hu ma setghax jipprezenta l-karti tat-taxxa, imma id-departiment gie infurmat li l-kumpanija kienet fi stralc. Il-korp tal-kredituri kien gie infurmat li hu ma setghux johorgu l-posizzjoni finanazjarja tal-kumpanija.

Illi r-rikorrent isostni ukoll li n-negligenza tal-intimat tohrog mill-fatt li huwa naqas milli jsegwi l-kawzi li sstitwixxa kontra r-rikorrent [ara Dok. MD2 u MD3] liema kawzi kollha gew dezerti jew kancellati minhabba nuqqas ta' interess minn naha ta' Simon Vella li rarament kien jidher il-Qorti liema fatt gie mohbi lil kredituri.

Illi mill-provi jirrizulta li l-kawzi kienu tressqu bil-kunsens tal-kredituri u dawn kienu gew infurmati u jafu bil-proceduri u anke kien hemm minn kien jattendi ghas-seduti u xehed. Illi mid-dokument JG1 a fol. 105 et seq jirrizulta li l-proposta li jinfethu kawzi kienet gie diskussa mal-kredituri u nfethu bil-kunsens taghhom wara li giet spjegata lilhom il-posizzjoni legali u ghal xhiex kienu qed jfittxu. Fil-fatt a fol. 107 hemm miktub li "The decision to proceed has been taken after a proper evaluation of fact and with the conviction that there is more than enough evidence to warrant it." Illi ghalhekk l-intimat u l-kredituri ma fethux il-kawza kapricjosament imma ghax kien hemm "evidence to warrant" dawk li dawn il-kawzi jinfethu.

Ghalhekk jirrizulta mill-provi li l-mandati u l-kawzi gew ipprezentati bil-kunsens tal-korp tal-kredituri u wara li gie spjegat lilhom l-import ta' dawk id-decizjonijiet. Il-kawzi kienu proceduri civili li l-intimat kien fid-dover li jistitwixxi bhala stralcjarju kif imqabbad mill-korp tal-kredituri. Ghalhekk huwa kien qed jagixxi b'mod responsabbli u fl-ambitu tad-dmirijiet tieghu meta stitwixxa dawk il-proceduri.

Mill-verbali tas-seduti li gew ezibiti jirrizulta li fil-bidu l-kawzi kienu mexjin regolarment u tressqu provi u xhieda. Imbaghad kien hemm zmien meta kienet qed tigi koltivata l-probabilita' ta' transazzjoni bejn il-partijiet f'dak l-istadju. Wara li l-intimat irrezenja minn stralcjarju naqas l-interess imma hu baqa jsewgi biex jara li jkompli xi hadd

minfloku. Ir-rikorrent imbaghad kien ha l-okkazzjoni biex jitlob il-kancellament tal-kawzi jew li jmorru sine die. Izda meta xi kawzi marru sine die jew gew kancellati l-avukat tal-intimat kien ghamel rikorsi biex dawn jergghu jigu riappuntati biex jitkomplu [ara Dok. A fol. 10 u 61 fil-kaz 1898/01 u Dok. E a fol. 21 fil-kaz 1835/01]. L-intimat jinsisti li kull darba li kellu l-Qorti hu kien jitla' barra xi okkazzjoni meta l-avukat kien ighidlu li ma kienx hemm ghalfejn jitla'. Ghalhekk jidher li jekk l-kawzi ma mxewx regolarment dan ma kienx minhabba xi nuqqas ta' interess da parti ta' l-intimat izda minhabba nuqqas ta' rieda tajba min-naha tar-rikorrent li jaghmel offerti accettabili ghall-korp tal-kredituri imma bl-offerti li saru huma kienu ser jithallsu percentagg zghir hafna tal-kreditu taghhom u kien hemm kredituri li qatghu qalbhom li qatt kienu ser jithallsu. Inoltre n-numru tal-kredituri kien wiehed kbir u mhux kull kreditur wera interess jew kellhu tama li ser jithallas u dana fuq medda ta' sebgha snin u oltre kemm damu sejrin il-kawzi u l-istralc.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova li l-intimat mexa b'mod negligenti u li ma harisx l-interessi tal-kredituri b'mod li bl-operat tieghu r-rikorrent sofra xi danni. Ma giet ippruvata ebda konnessjoni bejn l-istat li fih gie r-rikorrent u xi nuqqas tal-intimat fit-tmexxija tal-istralc.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur